MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Numru 18/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Mahmud Ali Amber**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta’ Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-8 ta’ Lulju 2003 kontra Mahmud Ali Amber li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli: (1) assocja ruhu ma’ persuni ohra f’Malta u ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f’Malta, jew li ippromwova,

ikkostitwixxa, organizza jew iffinanza din l-assocjazzjoni bi ksur tal-ligi; (2) importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (eroina) f'Malta bi ksur tal-ligi; (3) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis lil persuna jew ghal xi persuna bi ksur tal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-13 ta' Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'sitt voti kontra tlieta sabu lill-appellant hati tat-tliet kapi ta' l-Att ta' Akkuza b'dan li fil-kaz ta' l-Ewwel u tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza ddikjaraw li r-reat f'kull kaz kien jirrigwarda biss il-kaz tal-31 ta' Jannar 2001 u xi zmien qabel, iddikjarat lill-imsemmi Mahmud Ali Amber hati talli: (1) fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, tas-sena elfejn u wiehed (2001) u xi zmien qabel, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina perikoluza u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u dan skond l-Ewwel Kap tal-Att ta' l-Akkuza, b'dana pero` li r-reat jirrigwarda biss il-kaz tal-31 ta' Jannar, 2001 u xi zmien qabel; (2) fl-istess perijodu importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe` meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett u dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att tal-Akkuza u b'dana li r-reat jirrigwarda biss il-kaz tal-31 ta' Jannar, 2001 u xi zmien qabel; (3) fl-erbgha (4) ta' Settembru, elf disa mija u disgha u disghin (1999) u xi zmien qabel f Malta ttraffika fil-medicina perikoluza raza mehuda mill-pjanta cannabis u dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, u kkundannat lill-imsemmi Mahmud Ali Amber ghall-piena ta' hmistax-il sena prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom, u ghal multa ta' Lm15,000 li jekk ma tithallasx fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-

sentenza appellata tigi konvertita fi tnax-il xahar prigunerija skond il-ligi vigenti u applikabbli, kif ukoll ikkundannatu jhallas is-somma ta' Lm194.50 rapprezentanti l-ispejjez tal-perizja inkorsi f'dan il-process u ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-hati. Dik il-Qorti ordnat ukoll li, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata li xi droga li tista' tkun esebita hija mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tali droga u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura ta' l-Ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' dik il-Qorti li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jgibu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati. Dik il-Qorti waslet ghas-sentenza taghha wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Li l-verdett tal-gurati fit-tliet kapi kien dak minimu rikjest mill-ligi w li dan il-verdett inghata wara tnax il-siegha ta' deliberazzjoni. Li l-hati ma kellux fedina penali refrattarja w li xi reati li taghhom kien instab hati fil-passat setghu kienu anki r-rizultat ta' xi xorb konnessi mal-problema tieghu personali. Li skond l-Ispizjar Mifsud, l-ammont tal-heroina involuta kienet tizen xi 73.5 grammi u kienet 63% pura fil-waqt li l-cannabis traffikat skond it-tielet kap lanqas ma kien f'ammont sostanzjali . Li kien hemm l-assorbiment tal-ewwel kap fit-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

"Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara, li fil-fedina penali tal-hati kienu jidhru diversi reati fosthom dawk ta' incidenti mal-Pulizija. Li mir-retroxena tal-kaz jirrizulta li l-hati kien qed jorganizza dan in-negozju w jibbenefika mill-qliegh li kien qed isir minnu. Kellu ukoll kuntatti ma' nies barra minn Malta. Li l-ewwel beda biex jittraffika l-cannabis u wara beda jimporta l-eroina w beda' jqabbad in-nies li jaghmlu dan ghalih. Li tali attivita` kienet ta' perikolu kbir ghas-socjeta` Maltija. Illi l-ligi kienet tant tara perikolu ghas-socjeta` Maltija f'dan li sahansitra tiffissa l-piena ghall-ghomor ghat-tlitt reati li taghhom

instab hati l-akkuzat. Illi ghal kuntrarju ta' dak li ssottomettiet id-difiza, l-ammont ta' eroina importata ma kienx wiehed zghir u dan kellu valur ta' madwar hamest elef lira Maltin (LM5000). Ghalhekk il-Qorti ghalkemm kellha tqis li fl-ewwel zewg kapi il-htija kienet tirrigwarda biss wiehed miz-zewg kazijiet imsemmija fl-Att ta' l-Akkuza, xorta wahda kellha tara li s-sentenza tkun wahda ezemplari .

"Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata seduta stante mid-difiza w li minnha jirrizulta li l-hati, bejn is-sena 1996 u s-sena 2001, kien instab hati erba' darbiet mill-Qrati ta' diversi reati li jikkomprendu sewqan taht l-influwenza ta' xorb spirituz, sewqan perikoluz, glied u ksur tal-paci pubblika, ingurja u hebb ghall-pulizija, u ma obdiex l-ordnijiet legittimi taghhom u hsarat volontarji fic-cella tal-ghassa tal-Pulizija ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta; darba ohra li ta particulars foloz lil Pulizija, qal kliem oxxen u kiser il-mistrieh tal-pubbliku bil-lejl, ghamel gesti oxxeni w ingurja w hedded pulizija. F'okkazjoni ohra, rega' nstab hati talli kien fi stat li ma jistax jiehu kura tieghu innifsu, li hedded Spettur tal-Pulizija w li kiser il-buon ordni u naqas li jaghti l-particulars. Umbaghad rega' nstab hati li saq meta kien fi stat ta' xorb u rrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun tan-nifs jew kampjun tal-urina skond il-ligi. Hu kien gie liberat kondizzjonatament darbtejn u darba immultat u darb'ohra kundannat ihallas ammenda.

"Ikkonsidrat:

"Li ghalkemm il-piena ghar-reati kollha li l-hati instab hati taghhom hija dik ta' ghomor il-habs, skond il-proviso (aa) u (bb) tal-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta` tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita` tal-medicina w x-xorta w l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

“Ikkonsidrat:

“Favur il-hati s-sottomissjonijiet kollha gja` fuq riprodotti li saru mill-abbli difensur.

“Mill-banda l-ohra pero` din il-Qorti ma tistax tinjora li hawn si trattava ta’ kwantita` mhux daqstant zghira ta’ droga u cioe` fil-kaz tal-importazzjoni imsemmija fl-ewwel u t-tieni kap si trattava ta’ 73.5 grammi eroina ta’ purita` ta’ circa 63% u fil-kaz tat-traffikar skond it-tielet kap si trattava ta’ 75.108 grammi ta’ raza tal-cannabis u li d-delitti li taghhom instabet htija qed ikunu ta’ pjaga kbira ghas-socjeta` Maltija w ta’ kawza ta’ rovina tal-hajja ta’ tant persuni, partikolarment zghazagh, li qed jinhakmu mill-vizzju tad-droga biex minn fuq daharhom l-importaturi w traffikanti tad-droga jew il-komplici taghhom jaghmlu qliegh kbir ta’ flus. Illi lanqas jista’ jintqal li l-hati hu incensurat.”

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mahmud Ali Amber ipprezentat fl-1 ta’ Novembru 2005 fejn talab li f’kaz li l-verdett tal-gurati li eskludew htija dwar l-Ewwel u t-Tieni Kapi ta’ l-Att ta’ l-Akkuza, riferibbilment ghall-kaz tal-10 ta’ April 2000, ifisser b’xi mod liberatorja, illi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonferma li ma nstabitx htija ghall-kaz ta’ l-10 ta’ April 2000 fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi ta’ l-Att ta’ l-Akkuza, tirrevokaha kwantu ghall-Ewwel u t-Tieni Kapi ta’ l-Att ta’ l-Akkuza kwantu l-kaz tal-31 ta’ Jannar 2001, kif ukoll it-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza, billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi jew, f’kaz li din il-Qorti ma tikkunsidrax li n-nuqqas ta’ sejbien ta’ htija fil-verdett rigwardanti l-kaz ta’ l-10 ta’ April 2000 fl-Ewwel u t-Tieni Kapi ta’ l-Att ta’ l-Akkuza jammontaw ghal xi liberatorja kif jissottommetti l-appellant, illi din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati kwantu kull Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellanti huma s-segwenti: (i) huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza, (ii) kien hemm irregolarita` matul il-kawza u (iii) kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett.
Jigi osservat l-ewwelnett illi l-ewwel zewg Kapi ta' l-Att ta' Akkuza jirreferu ghal zewg perijodi ta' zmien, il-31 ta' Jannar 2001 u xi zmien qabel (l-episodju Baoush li dwaru l-gurati sabu htija) u l-10 ta' April 2000 u xi zmien qabel (l-episodju Taher li dwaru l-gurati ma sabux htija). L-episodju Baoush jirreferi ghal certu Abdul Monim Mohamed Baoush li fil-31 ta' Jannar 2001 wasal Malta bl-ajru mill-Marokk u nstab li kellu tliet kapsoli fil-warrani tieghu kontenenti trab suspettat eroina. Fl-ewwel istanza qal li l-eroina kienet intiza ghall-appellant u wara sostna li kienet ghalih innifsu. L-appellant jattakka l-kredibilita` ta' dan Baoush.

Issa, huwa minnu illi Baoush kien kontradittorju sahansitra f'dak li qal fl-istqarrija tieghu[1] u huwa minnu li halef il-falz peress illi quddiem il-Magistrat Inkwerenti kkonferma dak li kien qal fl-istqarrija filwaqt illi fl-Istruttorja, f'zewg okkazzjonijiet separati – fid-9 ta' Awissu 2001 u fit-8 ta' Awissu 2002 – jichad li d-droga kienet ghall-appellant u jghid li kienet ghalih. Il-gurati <u>setghu</u> jemmnu lil Baoush meta qal li l-eroina kienet ghall-appellant peress li, in vista ta' l-ammont involut u in vista ta' dak li kien stqarr li kellu l-hsieb jirritorna Casabalanca fil-5 ta' Frar 2001 (hamest ijiem biss wara l-wasla tieghu) ma kienx verosimili li seta' jikkonsma 75 gramma f'dak il-perijodu hekk qasir. Dan wahdu pero` ma kienx bizzejjed biex setghet tinsab il-htija ta' l-appellant dwar l-ewwel zewg kapi ta' l-att ta' akkuza peress illi, filwaqt illi huwa applikabbli l-artikolu 30A tal-Kap. 101[2], ix-xiehda ta' Baoush kienet tehtieg

[1] Per ezempju, l-ewwel jghid li kien gab id-droga f'okkazjoni ohra xahar qabel imbaghad "jiccara" li kien qieghed jirreferi ghal "din id-darba" (meta nqabad fil-31 ta' Jannar 2001); jghid li l-kapsoli kien ghamilhomlu Fathi fil-warrani mbaghad jghid li kien ghamilhom hu, jigifieri l-appellant stess; ecc.
[2] L-artikolu 30A tal-Kap. 101 jipprovdi hekk: **"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-**

korroborazzjoni skond l-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) allura vigenti – u dwar dan kien hemm qbil bejn il-partijiet. L-anqas ma kien il-kaz ta' applikabilita` ta' l-artikolu 30 tal-Kap. 101, peress illi ma giex allegat li Baoush kien xtara jew xort'ohra kiseb jew akkwista d-droga in kwistjoni minghand l-appellant – f'liema kaz ma kenitx tinhtieg korroborazzjoni. Ghalhekk kienet applikabbli r-regola generali kontenuta fl-imsemmi artikolu 639(3).

Minn mindu sar il-guri, pero`, is-sitwazzjoni nbidlet peress illi bis-sahha ta' l-Att XVI tas-sena 2006, is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminal gie sostitwit u llum jaqra kif gej:

**"Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat."**

L-imsemmi subartikolu (3) kif inhu llum gie fis-sehh fit-3 ta' Ottubru 2006 bis-sahha ta' l-Avviz Legali 231 tas-sena 2006 u l-appell gie trattat fid-9 ta' Ottubru 2006 minghajr hadd mill-partijiet ma rrefera ghall-fatt li kien sar dan it-tibdil u jekk tali tibdil setax b'xi mod jinfluwixxi fuq il-gudizzju f'din l-istanza. Din il-kwistjoni giet trattata fis-seduta ta' l-14 ta' Gunju 2007 bid-difensur ta' l-appellant jissottometti li l-imsemmi subartikolu kif sostitwit ma kellux jigi applikat u bil-prosekutur donnu jissottometti l-kuntrarju.

Issa, kif kien gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. George Faenza et** deciz fis-7 ta' Jannar 2005:

**"Ferm qabel ma kellna l-Kostituzzjoni ta' l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma' Malta rratifikat il-**

---

**Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, u kull xiehda moghtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew inghatat volontarjament, u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi."**

**Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, izda wkoll il-principju *nullum crimen, nulla poena sine lege* li minnu titnissel ir-regola konkomitanti tan-non-retroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-principju llum jinsab kristallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[3] kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea[4]. Kif jispjegaw Ben Emmerson u Andrew Ashworth fil-ktieb taghhom *Human Rights and Criminal Justice* [5]:**

***"'There are thus two closely connected principles underlying Article 7. The first is that the substantive criminal law should be sufficiently accessible and precise to enable an individual to know in advance whether his conduct is criminal; and the second is that developments of the criminal law by the courts (whether through the interpretation of statutory offences, or the development of common law offences) must be kept within the bounds of what is reasonably foreseeable."*** [6]

**"Huwa car, ghalhekk, li l-principju tan-non-retroattivita` japplika biss ghad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll ghal dak procedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga` l-okkazzjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li giet dejjem segwita hi li, bhala regola, id-dritt procedurali huwa ta' <u>applikazzjoni immedjata</u>, cioe` applikabbli anke ghall-proceduri li jkunu diga` gew istitwiti qabel il-bidu fis-sehh tal-"procedura" gdida – ara, fost ohrajn, tnejn mis-sentenzi li ghalihom**

---

[3] 39(8): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew omissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda piena ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."

[4] 7(1): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar." Is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 7 jipprovdi ghal eccezzjoni li mhix relevanti ghall-kaz in dizamina.

[5] Sweet & Maxwell (London), 2001.

[6] P. 282, para. 10-05.

**ghamel referenza l-appellant Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta' din il-Qorti, kollegjalment komposta, tal-24 ta' Jannar, 1989 fl-ismijiet *The Republic of Malta v. Ravi Ramani* u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 1992 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri*. Jinghad "bhala regola" ghax ma huwiex eskluz li jista' jkun hemm materji, apparentement procedurali, izda li tant direttament jincidu fuq jekk att jew ommissjoni jammontawx jew le ghal reat jew fuq il-punibbilita` ta' dak l-att jew ta' dik l-ommissjoni, li ghalihom ikun effettivament applikabbli wkoll il-principju tan-non-retroattivita`."**

M'hemm l-ebda dubju li s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali jifforma parti mid-dritt procedurali u ghaldaqstant mhuwiex applikabbli l-principju tan-non-retroattivita`. Konsegwentement, anke fir-rigward ta' reati li sehhew qabel it-3 ta' Ottubru 2006, fejn l-uniku xhud kontra akkuzat huwa komplici, illum l-Imhallef li jippresjedi l-guri ghandu jaghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda tal-komplici b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha. Naturalment l-istess jghodd ghall-Qrati tal-Magistrati, fis-sens li l-korroborazzjoni mhix mehtiega aktar izda l-gudikant ghandu jipprocedi b'dik il-kawtela li l-kaz ikun jirrikjedi tenut kont tal-fatt li l-uniku xhud kontra l-akkuzat ikun il-komplici li jista' jkollu interess aktar minn haddiehor li jfarfar minn fuq spallejh ghal fuq spallejn l-akkuzat.

Fil-kaz in ezami pero` ghandna sitwazzjoni partikolarissima. Meta gie celebrat il-guri, kien ghadu vigenti s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 kif kien qabel ma gie sostitwit fl-2006. Ghalhekk, is-sitwazzjoni ghall-finijiet ta' dan l-appell giet kristalizzata meta nghata l-verdett mill-gurati skond il-ligi u taht ir-regim allura vigenti. Din il-Qorti hija tal-fehma illi, li kieku f'dawn ic-cirkostanzi kellha tiehu in konsiderazzjoni t-tibdil li sar fil-ligi, tista' tkun qed tippregudika l-jedd ta' l-appellant ghal smigh xieraq in kwantu s-sottomissjonijiet u l-argumenti allura maghmula u migjuba quddiem il-gurati kienu mfassla fid-dawl tal-ligi kif kienet dakinhar, u mhux ta' kif inbidlet sussegwentement. Dan il-jedd huwa protett kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropeja

ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u din il-Qorti ghandha d-dmir li tissalvagwarda tali jedd. Konsegwentement, hija se tkompli tikkunsidra l-aggravji ta' l-appellant kif proposti.

Issa, fir-rikors ta' appell ta' l-appellant u fis-sottomissjonijiet orali li saru mid-difensur ta' l-appellant, kien hemm diversi punti li ssemmew u li jirreferu proprju ghall-element ta' korroborazzjoni.

F'dan l-istadju ghalhekk din il-Qorti sejra tirreferi l-ewwel ghall-aggravju ta' l-appellant li kien hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett, u dan fir-rigward ta' l-ispjegazzjoni li l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta illi hemm bzonn il-korroborazzjoni u li din ghandha tkun f'cirkostanza materjali u importanti li torbot lill-akkuzat mad-delitt. L-appellant jghid illi ma giex spjegat x'inhu l-kuncett ta' korroborazzjoni ta' cirkostanza materjali u sostanzjali, u li ghalkemm f'mumenti differenti fl-indirizz l-Imhallef spjega x'inhi l-prova cirkostanzjali, pero` f'dan il-punt u f'dan ir-rigward ma giex spjegat lill-gurija illi c-cirkostanza materjali u sostanzjali ghandha ssahhah dak li qed jghid il-komplici b'mod univoku. Skond l-appellant, dan in-nuqqas ta' spjegazzjoni approfondita fil-kuntest tant importanti ta' x'inhu mehtieg mil-ligi meta nitkellmu fuq korroborazzjoni, seta' ta lill-gurija x'tifhem li cirkostanza jew cirkostanzi li jistghu jkollhom aktar minn spjegazzjoni wahda u kwindi, ekwivoci, jistghu jsahhu l-verzjoni tal-komplici. Ghalhekk l-appellant ihoss illi dan il-fatt seta' kellu influwenza fuq il-gurija.

Din il-Qorti ezaminat l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri u jirrizulta illi f'diversi partijiet ta' l-indirizz l-Imhallef korrettement irrefera ghall-htiega li x-xiehda ta' komplici trid tkun korroborata permezz ta' cirkostanza "materjali u sostanzjali"[7]. L-Imhallef li ppresjeda l-guri qal[8]:

"… fil-kaz ta' xiehda ta' komplici, il-Qorti ma tistax issib htija jekk il-fatti li jirrizultaw ikunu gejjin biss mix-xiehda ta'

---

[7] Pagni 13, 17, 43, 44 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.
[8] Pagni 42 u 43 *ibidem*.

dak il-komplici wahdu, jew zewg komplicijiet jew tliet komplicijiet, ghax komplici ma jistax jikkorrobora lill-iehor, tajjeb? Imma trid li ghall-anqas ikun korroborat f'xi cirkostnza materjali u sostanzjali illi torbtu mar-reat. Ma tridx tkun xi cirkostanza newtrali, imma xi cirkostanza li torbtu necessarjament mar-reat. M'ghandhiex ghalfejn tkun xi haga importantissima fis-sens ta' haga skjaccanti, imma bizzejjed xi haga li hija materjali bizzejjed u sostanzjali bizzejjed …."

Meta mbaghad kien qieghed jirreferi ghat-tliet cirkostanzi li l-prosekuzzjoni kienet qed issostni li jikkorroboraw ix-xiehda ta' Baoush, l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien car fl-ispjegazzjoni tieghu li l-gurati jridu jkunu sodisfatti fuq bazi ta' certezza morali li dawn, jew liema minnhom, iridu jkunu jorbtu lill-akkuzat mar-reat u mhux ma' xi fattur iehor newtru[9].

Ghalhekk, in kwantu l-appellant jilmenta li kien hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett, dan l-aggravju qieghed jigi respint.

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra s-sottomissjonijiet ta' l-appellant li c-cirkostanzi li ghalihom rreferiet il-prosekuzzjoni bhala cirkostanzi li jikkorroboraw il-verzjoni ta' Baoush[10], huma fil-fatt cirkostanzi li ma jistghux iwasslu ghal konvinciment morali peress illi jitfghuk f'diversi direzzjonijiet, ghandhom effett ekwivoku u jqarrqu lill-gudikant. Huwa jaghti s-segwenti ragunijiet:

"i.a. Il-manifattur Daewoo ma mmanifattura l-ebda karrozza esklussiva ghall-akkuzat u lanqas ma zebagh din l-unika karrozza bajda ghall-uzu esklussiv ta' l-akkuzat.

"i.b. Di piu` Baoush ma jindikax it-tip ta' mudell ta' manifattura Daewoo, izda jsemmi biss isem. Dan ifisser qisu wiehed qieghed jghid vettura Ford. Bhal Ford, id-Daewoo f'Malta esportat diversi tipi ta' mudelli. Anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument Baoush kellu jindika t-tip ta'

---

[9] Pagni 48 u 49 *ibidem*.

[10] (1) l-isem tal-manifattur u kulur ta' karrozza, cioe` Daewoo bajda; (2) in-numru tat-telefon cellulari ta' l-appellant; (3) il-fattur li l-appellant kien mizzewweg Maltija.

mudell, ahseb u ara li ma ghamilx hekk, kemm jista' wiehed isahhu; ghax jaf dan il-fatt. Vettura qeghda fit-triq biex jinnotaha kulhadd u jekk persuna jkollu interess li jkun jafek ghar-ragunijiet tieghu, jista' facilment ikun jaf il-kulur u l-manifattur tal-vettura li ssuq.

“i.c. Wiehed ma jridx jinsa li l-fatt li Baoush ltaqa' ma' l-akkuzat ma hux fatt li l-akkuzat qed jinnega. U allura din ic-cirkostanza ma hix wahda materjali u sostanzjali li torbot b'mod univoku u ssahhah b'mod univoku x-xiehda ewlenija tal-komplici Baoush.

“i.d. Ghandu jinghad ukoll illi jekk wiehed ghandu jipprova jsib xi valur probatorju minn dan il-fatt tal-karrozza, dan hu wiehed negattiv, u mhux li jsahhah it-tezi ta' Baoush. Baoush fl-istqarrija inizzjali jghid li din id-Daewoo kienet antika. Dan hu merut mir-ritratti esibiti f'dan il-kaz. Baoush ma seta' bl-ebda mod jindika li l-karrozza li tidher fir-ritratt bhala antika. Il-buon sens jindikalek illi persuna tista' tiddeskrivi karrozza bhala antika jekk tkun tidher antika minhabba li hija malandata, b'xi daqqiet, zdingata, b'dehra traskurata u b'xi hafna sadid. Minn dan kollu ma hemm xejn. Ghalhekk se mai, mhux biss din ic-cirkostanza ma ssahhahx lil Baoush, izda tmerieh.

“ii.a. Baoush fl-istqarrija inizzjali jghid li hu kien jaf in-numru tat-telefon ta' l-akkuzat, ghax dan kien tahulu l-esportatur tad-droga sabiex meta jasal Malta icempillu. Issa din wahedha hija kontradizzjoni in termini. Ghaliex? Baoush jghid, fl-ewwel stqarrija tieghu li, skond hu, kien ghamel ftehim ma' l-akkuzat ftit jiem qabel ma telaq minn Malta biex imur igib id-droga. Mela wiehed legittimament u ragonevolment isaqsi: Ghalfejn kellu dan in-numru jinghata mill-esportatur u mhux mill-akkuzat innifsu? Verosimili dan?

“ii.b. Di piu`, l-akkuzat jaghti verzjoni li juri kemm hu veritjer f'dak li qed jghid. Meta xehed fil-guri, jghid li lil Baoush qatt ma tah in-numru tat-telefon tieghu. Kieku l-akkuzat ried jghatti awwaru kien ikun tant facli ghalih li jghid li fl-inkontru li kellu mieghu fl-Alibaba restaurant, fejn

dan kien offrielu anke hwejjeg tal-gild ghall-bejgh, li dan tah in-numru tat-telefon tieghu. Din hija dak li jiftakar l-akkuzat li ma tahx in-numru tat-telefon. Mill-buon sens probabbilment wiehed difficli li jeskludi li seta' tahulu. Pero` nonostante dan kollu, il-fatt li bniedem jaf in-numru tat-telefon tieghek, ma jfissirx li allura dan isahhah dak li qed jghid hu, ghaliex l-allegat fattur korroborattiv mhix evidenza indipendenti minn dak li qed jghid il-komplici. Gejja mill-istess sors.

"ii.c. Il-fatt li numru hu l-istess ma jfissirx li l-komplici qieghed jigi korroborat fl-elementi indispensabbli li jiddeterminaw id-delitti taht l-Ewwel u t-Tieni Kap. Ic-cirkostanza barra minn hekk trid tkun wahda univoka.

"ii.d. Baoush fit-testimonjanzi tieghu f'dawn il-proceduri qal li gideb. Min jigdeb u jkun qed jahlef il-falz m'ghandu l-ebda skrupoli li jzid dettal bhal dan biex jitfa' fuq haddiehor, b'hekk li jista' jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101. Infatti, Baoush, akkuzat bl-istess imputazzjonijiet, cioe` importazzjoni, assocjazzjoni u traffikar, fi zmien erba' snin kien diga` skonta sentenza u telaq minn dawn il-Gzejjer, b'mod li l-gurija ma kellhiex il-beneficcju taht l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali li ssegwi l-linji gwida hemmhekk imsemmija rigwardanti l-kredibilita` tieghu.

"ii.e. Hu f'dan ir-rigward illi l-esponenti jerga' jenfasizza bir-rispett, in-nuqqas li wiehed jispjega lill-gurija b'mod dettaljat kif ghandha tkun il-korroborazzjoni li titlob il-ligi, jigifieri f'cirkostanza materjali u sostanzjali, li b'xi mod univoku u indipendenti mix-xiehda tal-komplici, tikkorrobora lill-komplici biex b'hekk l-akkuzat jintrabat minghajr dubbju dettat mir-raguni ma' l-elementi kostituttivi tar-reati.

"iii. Il-prosekuzzjoni argumentat illi wiehed jsib korroborazzjoni ghax Baoush fid-dikjarazzjoni inizzjali fl-Inkjesta qal li l-akkuzat hu mizzewweg mara Maltija. Wiehed ikun qieghed jinsolenta l-intelligenza ta' dak li jkun jekk wiehed jipprova juri kif legittimament u ragonevolment din ic-cirkostanza tista' b'xi mod torbot lill-

akkuzat mal-kommissjoni ta' dawn id-delitti u ssahhah ix-xiehda ewlenija tal-komplici. F'dan ir-rigward, l-esponenti jhoss illi meta l-Qorti indikat li tehtieg korroborazzjoni, wiehed ma dahalx f'dak li tista' tissejjah korroborazzjoni negattiva. Kif intqal l-aktar dettal importanti li ta Baoush kien l-incident ta' meta hu suppost mar f'bank internazzjonali ma' l-akkuzat biex suppost l-akkuzat jiddeposita erbat elef dollaru lil certu wiehed Fathi. Ghaliex l-importanza ta' dan id-dettal? Ghaliex fil-bqija ta' l-istorja inizzjali tieghu Baoush ma jista'  qatt ikun verifikat f'dak li qed jghid.

"Ghalhekk johrog car l-iskop tal-ligi ghaliex tehtieg il-korroborazzjoni. Ghall-komplici li jkun jaf l-istorja hu facli li jsemmi l-fatti u jbiddel ismijiet sabiex hu jipprova jibbenefika minn xi artikolu rigwardanti piena taht il-Kap. 101. Imma l-incident tal-bank kien wiehed fejn allura dak li suppost gara skond Baoush, kien facilment verifikabbli. Il-Pulizija setghu facilment hadu lil Boaush biex jurihom precizament fejn kien dan il-bank internazzjonali. Baoush kien ilu jigi Malta u kien jaf iz-zona ta' Tas-Sliema in kwistjoni, ghaliex jghid li kien imur jara lil missieru fic-Centru Kulturali Libjan li hemm go Triq it-Torri, tas-Sliema. Mill-provi, pero` ghalkemm itellghu jixhdu kull rappresentant ta' xi bank internazzjonali u anke tliet rappresentanti ta' istituzzjonijiet finanzjarji li hemm fl-area indikat minn Baoush, hadd minnhom ma jikkonferma li sar dan id-depositu. L-uniku depositu li kien sar kien ta' somma ferm anqas mill-akkuzat u li saret sena qabel id-data indikat minn Baoush, liema depositu gie pjenament spjegat mill-akkuzat waqt ix-xiehda tieghu fil-guri.

"Hu f'dan l-aspett fejn Baoush seta' jkun imsahhah b'cirkostanza materjali u sostanzjali f'dak li kien qed jinghad. Minflok, il-prosekuzzjoni, ben sapendo dan l-aspett negattiv ghall-kaz taghha, tipprova tnissel xi dubbju li allavoja ma hemmx din il-korroborazzjoni, pero` seta' jkun hemm dubbju dwar ir-ricerka li saret.

"Legittimament u ragonevolment il-gurija kellha quddiemha nuqqas ta' korroborazzjoni ai termini tal-ligi u kwindi x-xiehda ewlenija ta' Baoush, anke jekk twemmnet

mill-gurati ma hix imsahha kif titlob il-ligi. Ghalhekk ma setghetx tinsab htija taht l-Ewwel u t-Tieni Kapi.”

Il-prosekuzzjoni, kif tajjeb jghid l-appellant, issuggeriet li kien hemm korroborazzjoni permezz ta’ tliet cirkostanzi: il-fatt li n-numru tat-telefon, jew ahjar in-numru tal-mobile, li Baoush ta lill-Pulizija izda li qallhom li kien tahulu Fathi f’Casablanca, kien ta’ l-appellant; il-fatt li Baoush jghid li l-appellant ghandu Daewoo bajda; u l-fatt li jghid li Baoush mizzewweg mara Maltija. Dwar dawn it-tliet cirkostanzi, l-Imhallef li ppresjeda l-guri kellu dan xi jghid:

“Qal [il-prosekutur] li fil-kaz ta’ Bakoush hemm korroborazzjoni u bhala korroborazzjoni semma’ tliet affarijiet partikolari – il-fatt li kien hemm dak it-telephone number li fil-fatt irrizulta li huwa ta’ Bakoush f’cirkostanzi illi jekk iltaqghu darba kif jghid l-akkuzat ma’ Bakoush, ma kienx probabbli li kien ser joqghod itih it-telephone number dan, allura minn fejn gie dan it-telephone number jekk mhux ghax kien hemm xi affarijiet ohra. U bil-fatt li mbaghad instab aktar tard illi dak it-telephone number li ma kienx telephone number registrat u allura mhux facli li wiehed jaqbad u jsibu, dan x’qed jghid il-prosekutur, speci minn fejn gie dan it-telephone number jekk mhux ghax l-akkuzat kien involut f’din l-operazzjoni. Bakoush qal li t-telephone number jekk niftakar sew kien tahulu l-iehor, tal-Marokk, jekk niftakar sew, pero` fuq dan il-punt issa ccekkjaw, u allura dan it-telephone number, il-fatt li hemm dan it-telephone number li nzerta huwa t-telephone number ta’ l-akkuzat u dan it-telephone number mhux oggett li wiehed jista’ jsibu facilment. Id-difiza argumentat illi tista’ tghidu lil wiehed u l-wiehed jghidu lil iehor, l-iehor itih lil iehor u minghajr ma tkun taf ikun hemm hamsa, sitta jew aktar li saru jafu t-telephone number. Dik hija spjegazzjoni li d-difiza qed taghti, araw twassalkomx sal-grad tal-probabbli li seta’ kien hekk, ikun bizzejjed sal-grad tal-probabbli. Jekk ma twassalkomx sal-grad tal-probabbli u taraw allura dan it-telephone number kif seta’ gie ghandu u ghaliex kellu jkun qieghed ghandu dan u huwa t-telephone number li proprju qed jghid Bakoush li kellu jcempel meta jigi hawn Malta biex jaghmel kuntatt ma’ l-akkuzat, u fil-fatt dan it-telephone number issa

jirrizulta minn x'imkien iehor li huwa ta' l-akkuzat, mhux mix-xiehda ta' Bakoush biss, imma bhala fatt jirrizulta ghax accetta l-akkuzat innifsu li kien it-telephone number tieghu, mela issa din il-prova gejja mhux minn dak li qed jghid Bakoush imma hemm ukoll cirkostanza li mhijiex hierga minn hemm, u tridu taraw din ic-cirkostanza jekk hix wahda materjali u sostanzjali bizzejjed li torbot allura, u torbtu mar-reat mhux torbot li jafu, ghandu t-telephone number ghax jafu, jew ghax inzerta iddubbah minn xi hadd, imma li trid tkun materjali bizzejjed illi twassalkom sal-konvinciment morali lilkom, b'certezza morali, illi l-fatt li hemm dak it-telephone number f'dawk ic-cirkostanzi, telephone number illi mhux biss qed isemmih Bakoush imma anke l-akkuzat jaccetta li huwa tieghu, mela allura gejja prova minn band'ohra, hijiex il-prova korroboratorja li l-prosekutur qed jghid illi tikklincja lill-akkuzat u torbtu ma' dak l-episodju ta' Bakoush, ma' l-operazzjoni Bakoush. Dik hija t-teorija ta' l-prosekutur.

"Isemmi mbaghad il-fatt illi l-akkuzat inzerta ghandu karozza bajda dak iz-zmien. U fil-fatt irrizulta li l-akkuzat kellu karozza bajda dak iz-zmien, kien qed jikri xi karozza. Jigifieri pero` hawnhekk issa ukoll tridu taraw din ic-cirkostanza li giet korroborata sa certu punt minn cirkostanzi ohra li nafu, anke mill-akkuzat stess, qal li f'xi perijodu kien qed jikri karozza bajda u apparentement meta marru jarrestawh lill-akkuzat kien ghadu dakinhar ser jkkonsenja c-cwievet taghha, dik ic-cirkostanza hijiex materjali bizzejjed li torbot necessarjament lill-akkuzat ma' l-operat jew inkella Bakoush li kien ghadu kif rah ftit granet qabel din l-operazzjoni setax kien jaf li ghandu karozza bajda u allura qal dettal li kien jafu kulhadd, li kien jaf li ghandu karozza bajda, u allura meta qal li kien qed jghid li ghandu karozza bajda ma kien qed jghid xejn specjali ghaliex kull min kien jarah fit-triq seta' jinnota li ghandu karozza bajda.  Jigifieri hijiex cirkostanza newtra din, li ma twasslekx biex torbot. Dejjem trid tizen il-fatti.

"U semma' wkoll ic-cirkostanza ghaliex qal li mizzewweg Maltija l-akkuzat, li fil-fatt illum nafu ghax giet il-mara tieghu hawn, jigifieri minn provi ohra, li veru mizzewweg Maltija. Imma *again*, seta' kien il-kaz dan li waqt li kien

qed ikellmu dakinhar meta ltaqa' mieghu darba qabel, issemmiet li hu mizzewweg Maltija? Probabbli semmiet din? Ghaliex le? Jista' jghidu d-difiza. M'hemm xejn straordinarju li tghidlu isma' jew ikun jaf li mizzewweg Maltija. Allura billi jkun zied dik ic-cirkostanza hija cirkostanza ghax imbaghad issibha x'imkien iehor li torbot necessarjament?

"Jigifieri li semma' l-prosekutur dawn it-tliet affarijiet li qed jibbaza l-korroborazzjoni – it-telephone number, il-karozza u l-fatt li ta d-dettalji tieghu li jaf li mizzewweg Maltija, ecc. Arawhom individwalment dawn it-tliet cirkostanzi, it-tlieta fil-fatt minn band'ohra jirrizulta li kienu hekk, imma it-tlieta jorbtu necessarjament lill-akkuzat mar-reat? Jew huma informazzjonijiet dawn illi ma jwasslu mkien? Jekk xi wahda minnhom biss torbtu mar-reat fuq bazi dejjem ta' certezza morali, allura tistghu jekk temmnu lil Bakoush dejjem, ghax imbaghad tistghu ma tkunux emmintu lil Bakoush u temmnu lill-akkuzat, imma qed niehdu l-kaz fejn temmnu dik il-parti ta' Bakoush fejn kixef lill-akkuzat jew inkella qal kontra l-akkuzat u ma temmnux lill-akkuzat meta qed jichad, u ssibu xi wahda li tikkorrobora, allura tistghu jekk intom konvinti moralment sal-grad tac-certezza morali ssibu l-htija. Kwistjoni ta' fatti, tridu tarawhom dawn, dawn it-tliet affarijet li semma' l-prosekutur.

"Imbaghad il-prosekutur qed jghidilkom araw il-kumpless tal-provi. U veru, trid tara l-kumpless tal-provi dejjem inti fil-kwadru pero` hawnhekk, f'dan il-kaz partikolari, trid toqghod attent kif tarahom il-kumpless tal-provi, ghax ghandek tliet episodji differenti u fil-fehma tal-Qorti facli tiehu zball ghax tigi influwenzat mill-fatt li hemm tliet cirkostanzi separati, tliet episodji separati, u taqa' fl-izball li tghid mela l-fatt li ghandu ma' dan, ghandu ma' dan, ghandu ma' dan, xi haga hemm bilfors. Ma tistghux taghmlu hekk.

"Ara meta qed taraw imbaghad episodju episodju, iva dawk qisuhom kollha c-cirkostanzxi li ghandhom x'jaqsmu ma' dak l-episodju. Hekk iva. Imma ma tistax taqbad u tiehu c-cirkostanzi ta' episodju Bonnett wahdu biex

imbaghad issahhah fejn ghandek id-dubju fuq l-ewwel episodju ta' Bakoush jew ta' l-iehor. Dak ma tistghux taghmluh. Ic-cirkostanzi kollha in kwantu jirrigwardaw kull kap ta' l-akkuza separati fl-aspetti tieghu separati, ghaliex ghidna li l-ewwel u t-tieni kap ghandhom zewg aspetti, l-espisodju Bakoush u l-episodju Taher."

Din il-Qorti kkunsidrat is-sottomissjonjiet kollha li saru mid-difiza u mill-prosekuzzjoni, ezaminat il-provi traskritti, semghet ir-registrazzjoni tat-*tape* tax-xiehda ta' l-appellant u waslet ghall-konkluzjoni illi t-tliet fatti mressqa mill-prosekuzzjoni bhala fatturi korroborattivi ma jorbtux univokament lill-appellant mar-reati addebitati lilu fl-ewwel zewg kapi ta' l-att ta' akkuza. Il-fatt li Baoush kien jaf li l-appellant kien mizzewweg mara Maltija u l-fatt li kien jaf li l-appellant kellu Daewoo bajda jistghu jikkorroboraw il-fatt li kien iltaqa' ma' l-appellant Malta f'okkazzjoni precedenti izda ma jorbtuhx necessarjament mar-reati in kwistjoni. Il-fatt li Baoush kellu n-numru tal-mobile ta' l-appellant li Baoush jghid li tahulu certu Fathi – l-esportatur tad-droga fil-Marokk – haga li mbaghad jinnega, u l-fatt li l-appellant isostni li ma kienx ta l-imsemmi numru lil Baoush, ma jfissirx li n-numru in kwistjoni gie ghand Baoush necessarjament in konnessjoni mar-reati li dwarhom l-appellant gie akkuzat. Tali rabta hi tenwa wisq biex din il-Qorti tista' tqisha bhala sufficjentement korroborattiva ta' dak li allega Baoush fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija. Konsegwentement, u fid-dawl tal-provi kollha migjuba, din il-Qorti difficilment tista' tasal biex tikkonkludi li l-allegazzjoni ta' Baoush li d-droga kienet intiza ghall-appellant, u dan bi ftehim ma' l-istess appellant, giet sufficjentement korroborata; b'hekk il-gurati ma setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-ewwel u t-tieni kapi ta' l-att ta' akkuza.

Stante li l-appellant se jigi dikjarat li mhuwiex hati ta' l-ewwel u t-tieni kapi ta' l-att ta' akkuza, m'hemmx lok li din il-Qorti tikkunsidra l-allegata rregolarita` ta' procedura dwar il-mod kif saret il-prova dwar in-natura tas-sustanza importata minn Baoush u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali aggravju.

L-appellant imbaghad jghaddi biex jitkellem dwar it-tielet kap ta' l-Att ta' Akkuza u jghid illi l-prosekuzzjoni naqset li tipprova li r-raza li nstabet fid-dar ta' Simon Bonnett kienet giet fornuta lilu mill-appellant. Jghid li l-prosekuzzjoni ma kenitx korretta fir-replika taghha meta argumentat li t-tliet episodji ma humiex separati u distinti, kif issottomettiet id-difiza fl-arringa taghha, u li wiehed seta' jara fihom sistema ta' kondotta. Jghid li Simon Bonnett hu bniedem giddieb u li jahlef il-falz. L-ewwel verzjoni li ta kienet li d-droga kienet ta' wiehed Gharbi, Abdul Salem. F'dawn il-proceduri, ikompli l-appellant, xehed Germann Cassar li stqarr li kien jixtri d-droga minghand l-imsemmi Bonnett. Omm dan Germann Cassar kienet il-habiba ta' Abdul Salem, filwaqt illi Bonnett u Germann Cassar huma hbieb kbar. Skond l-appellant, meta Bonnett kien detenut irrizulta li kien fl-istess divizjoni ma' Abdul Salem. Bonnett, tramite l-avukati tieghu, talab li jixhed fl-Istruttorja tal-kaz tieghu fejn issa indika lill-appellant u eskluda li kienet gejja minghand Abdul Salem ghalkemm qal li kien jixtri minghandu fil-passat u xtara f'diversi okkazjonijiet. L-appellant ghalhekk jghid illi verdett illi jistrieh fuq ix-xiehda ta' Bonnett mhuwiex *"safe and satisfactory"*. Il-fatt li x-xiehda ta' Bonnett ma tehtiegx korroborazzjoni ma jfissirx illi l-gudikant m'ghandux ikun aktar kawt fl-apprezzament u analizi tad-deposizzjoni ta' Bonnett.

Kif tajjeb qal l-appellant, ix-xiehda ta' Simon Bonnet ma tehtiegx korroborazzjoni. Difatti skond l-artikolu 30 tal-Kap. 101: **"Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra."** Naturalment dan kien jitfa' responsabbilta` kbira fuq il-gurati li jezaminaw sew u bid-dettal id-deposizzjoni ta' Simon Bonnett u ta' xhieda ohra, inkluz ta' l-istess appellant, biex jaraw jekk kellux jitwemmen Bonnett meta sostna li kien xtara r-raza minghand l-appellant.

Fl-istqarrija li kien ghamel lill-Pulizija fil-5 ta’ Settembru 1999, Bonnett qal semplicement li kien xtara r-raza li l-Pulizija sabet ghandu minghand certu Abdul mill-Gzira, u li dan kien cempillu xi tliet gimghat jew xahar qabel u qallu li ried ikellmu. Mar ghandu u, minghajr ma kien qallu hu, hadlu erba’ bicciet raza tal-cannabis. Lil dan Abdul ma identifikahx. Simon Bonnett pero` qatt ma kkonferma din il-verzjoni bil-gurament. Anzi, fil-proceduri li kienu ttiehdu kontra tieghu, talab hu stess, tramite l-avukati tieghu, sabiex jixhed fl-istadju ta’ l-istruttorja u fis-27 ta’ Settembru 1999 xehed u identifika lil Abdul bhala l-bniedem li kien jghix ma’ omm German Cassar u li, ghalkemm kien hemm okkazjonijiet meta xtara raza minghand dan Abdul, dik li nstabet mill-Pulizija fir-residenza tieghu kien xtraha minghand l-appellant. Qal li kien semma’ lil Abdul peress li kien il-habs, mentri fil-fatt kien xtraha minghand Mahmud Ali Amber. Sussegwentement xehed waqt il-guri fejn ghal darb’ohra stqarr li kien xtara r-raza minghand l-appellant u li kien xtara xi erba’ jew hames darbiet minghandu. Inoltre qal li qatt ma xtara minghand Abdul u li anke meta xehed fil-proceduri kontra Abdul kien xehed hekk, cioe` li qatt ma kien xtara minghandu. Mistoqsi mid-difiza ghaliex biddel il-verzjoni qal illi ghax beza’ mill-appellant u ghadu jibza’ minnu. Meta d-difiza rreferietu ghar-raguni li kien ta fil-proceduri kontra tieghu, cioe` ghax Abdul kien il-habs, wiegeb li veru kien qal hekk u li fl-istess hin kien qieghed jibza’ mill-appellant.

In vista tal-kontradizzjonijiet f’dak li xehed Simon Bonnett huwa evidenti li kien importanti l-fatt li l-gurati setghu jaraw u jisimghu x-xhieda u b’hekk setghu josservaw l-imgieba, il-kondotta u l-karattru taghhom, b’mod partikolari ta’ dan ix-xhud Simon Bonnett. Simon Bonnett jghid li meta kien il-habs kien fl-istess Division fejn kien jinsab Abdul izda li Abdul ma kienx jaf li Bonnett kien semmih. Mistoqsi mid-difiza jekk Abdul kellmux u qallux xi haga, wiegeb li kellmu u qallu “hekk bhal speci xi grali u hekk” izda li hu, Bonnett, ma qallu xejn. Ghalhekk is-suggeriment li Bonnett seta’ gie indott mill-istess Abdul biex ibiddel il-verzjoni originali tieghu tidher illi hija biss kongettura. Kieku fl-ewwel okkazjoni li xehed, u cioe` fil-

proceduri kontra tieghu stess, Simon Bonnett kellu l-intenzjoni li jiskolpa ghal kollox lil Abdul Salem, seta’ semplicement issostitwixxa l-isem ta’ Abdul b’dak ta’ l-appellant u mhux jinsisti wkoll fuq il-fatt li kien xtara fil-passat anke minghand Abdul. Ghalhekk din il-Qorti tqis dak li seta’ qal fil-proceduri kontra Abdul u x’qal waqt il-guri f’dar-rigward bhala rrilevanti. Aktar u aktar meta jirrizulta li x-xhud Germann Cassar meta xehed waqt il-guri, fuq mistoqsija tad-difiza jekk Abdul kienx jittraffika d-droga, wiegeb fl-affermattiv. Sabiex Simon Bonnett jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101, zgur ma kellux ghalfejn isemmi persuna ohra li minghandha xtara d-droga u seta’ jibbenefika ugwalment bil-fatt li semma’ lil Abdul biss. Barra minn hekk jirrizulta illi anke waqt konfront ma’ l-appellant fil-guri, ikkonferma li kien xtara minghand l-appellant. Min jigdeb ma jfissirx necessarjament illi huwa giddieb f’kollox. Il-gurati setghu jiddistingwu bejn il-verzjoni li ta Bonnett u l-verzjoni li ta l-appellant u setghu ragjonevolment jikkonkludu illi ma kien hemm l-ebda raguni biex Bonnett jigdeb dwar l-involviment ta’ l-appellant.

Konsegwentement l-aggravju fir-rigward tat-tielet kap ta’ l-att ta’ akkuza huwa respint.

L-ahhar aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena li jqis bhala eccessiva. Jirreferi ghal kaz deciz f’Ottubru 2005 fejn persuna akkuzata b’importazzjoni ta’ 2.2 kilo kokaina mill-Kanada, giet ikkundannata hames snin prigunerija u tlett elef liri Maltin multa.

Kif solitu jinghad il-paraguni huma odjuzi u fi kwalunkwe kaz l-appellant l-anqas indika lil din il-Qorti ghal liema kaz kien qieghed jirreferi fir-rikors ta’ appell tieghu u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx tezamina l-fattispecje ta’ l-imsemmi kaz. Inoltre jekk sentenza partikolari hi *“over-lenient”* ma jfissirx li trid tinghata ohra li hi wkoll *“over-lenient”*. F’dan il-kaz, pero`, in vista tal-fatt li l-appellant se jigi dikjarat mhux hati ta’ l-ewwel u t-tieni kapi ta’ l-att ta’ akkuza, se jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi thassar il-verdett u dikjarazzjoni ta' htija dwar l-ewwel u t-tieni kapi ta' l-att ta' akkuza in kwantu r-reat kien jirrigwarda il-kaz tal-31 ta' Jannar 2001 u xi zmien qabel u minflok tissostitwixxi verdett ta' mhux hati u b'hekk tiddikjarah mhux hati ta' l-imsemmijin l-ewwel u tieni kapi ta' l-att ta' akkuza, tirrevokaha wkoll in kwantu l-appellant gie kkundannat ghal hmistax-il sena prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li ghamel taht arrest preventiv u ghal multa ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) konvertibbli fi tnax-il xahar prigunerija f'kaz li ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' ghaxar snin bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz qabel ma nghatat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u ghall-hlas ta' multa ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) konvertibbli fi prigunerija jekk ma jithallsux skond il-ligi vigenti fl-1999, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament b'dan li l-perijodu ta' hmistax-il jum biex l-Avukat Generali jindika b'nota jekk id-droga esebita ghandhiex tigi preservata in konnessjoni ma' xi process kriminali iehor jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------